**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 10/2025

**L-Erbgħa 27 ta' Awwissu, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Għall-laqgħa kien hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa. Il-kelliem informa lill-pubbliku li ħadd ma jkun jista' jagħmel intervent waqt il-laqgħa u li l-Kunsill kien ħa jagħti spazju lil dawk preżenti biex iressqu l-kummenti tagħhom wara l-laqgħa.

## 10.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

10.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

## 10.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 09/K9/2025.

10.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K9/2025 kif ippreżentati.

10.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

10.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/6129/25/I** Email mingħand GoDaddy dwar ir-renewal awtomatika.

10.03.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6129/25/I** fejn ippropona li dan is-servizz jitwaqqaf.

10.03.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

10.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6201/25/I** Kwotazzjoni mingħand Oxford House għal siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6244/25/I** Kwotazzjoni mingħand Omnistat għall-għamara għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6245/25/I** Kwotazzjoni mingħand Omnistat għal siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6246/25/I** Kwotazzjoni mingħand Liland Turnkey Works Ltd. għall-għamara għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6247/25/I** Kwotazzjoni mingħand Liland Turnkey Works Ltd. għal siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6248/25/I** Kwotazzjoni mingħand Branimir Lukovic għall-għamara għall-uffiċċju tas-Sindku.

**46/6249/25/I** Kwotazzjoni mingħand Branimir Lokovic għal siġġijiet għall-uffiċċju tas-Sindku.

10.03.4 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6201/25/I, 46/6244/25/I, 46/6245/25/I, 46/6246/25/I, 46/6247/25/I, 46/6248/25/I u 46/6249/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni.

10.03.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6330/25/I** Email mingħand il-librar Rafel Grima b'diversi punti li ġew diskussa fil-laqgħa li kellu mas-Sindku fosthom fondi permezz ta' CSR mill-lokalita', żjara fil-librerija mill-grupp tal-Anzjanita' Attiva u l-idea ta' Book Sales.

10.03.7 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6330/25/I** fejn informa lill-Kunsill li l-librar għamel diversi talbiet, fosthom li jsir investiment fir-rigward tal-libreriija, bil-kelliem jisħaq li peress li l-Kunsill diġa għandu pjanijiet sabiex jinvesti f'librerija ġdida u akbar, ma jkunx għaqli li l-Kunsill jinvesti f'apparat f'dan l-istadju. Intant, sabiex tkun immitigata s-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' xkaffar fil-librerija, is-Sindku ippropona li ġiet provduta struttura temporanja biex issostni din it-talba.

10.03.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6429/25/I** Email mingħand Project Green fejn provdew is-site plan li ser tkun sottomessa l-PA għall-proġett ta' San Patrizju u talbu li jiġu provduta bi kwotazzjoni għal 27 solar lighting bollards.

**46/6455/25/I** Email mingħand Project Green fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jiċċaqlaq arblu ta' dawl minn Triq San Patrizju.

**46/6616/25/I** Email mingħand Project Green fejn talbu l-kuntrattur J&K jimla l-BOQ għall-proġett ta' San Patrizju.

**46/6724/25/I** Email mingħand Project Green fejn talab biex mal-kwotazzjoni tal-Kunsill inżidu 3 solar CCTV's cameras għall-proġett ta' San Patrizju.

10.03.10 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6429/25/I, 46/6455/25/I, 46/6616/25/I u 46/6724/25/I** fejn ippropona li l-fid-dawl tal-arblu imsemmi, il-Kunsill għandu jneħħi dan l-istess arblu u jweħħlu wara li l-proġett jitlesta u hekk il-Kunsill jevita spejjez doppji f'dan is-sens. Intant fir-rigward tal-kwotazzjonijiet, il-Kunsill għandu jipproċedi b'dak li hu mitlub minn Project Green anke abbażi tal-fatt li dawn l-ispejjeż ser jiġu koperti minn Project Green stess.

10.03.11 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

10.03.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6435/25/I** Email mingħand LGD fejn talab isiru tabelli nformattivi li jindikaw li l-użu tal-kannabis f'postijiet pubbliċi mhux permess.

10.03.13 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6435/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika l-pożizzjoni tiegħu u jaċċetta li din l-idea għandha tkun esplorata mal-LGD u mal-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis.

10.03.14 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

10.03.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6678/25/I** Kwotazzjoni mingħand Mica Med għal provvista u nstallazzjoni ta' 25 solar bollards għall-prezz ta' €21,387.50 inkluż il-VAT.

10.03.16 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6678/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima ladarba ġiet milqugħa ukoll minn PG, kif ukoll fid-dawl li ser ikunu huma li ser iħallsu l-ispiża. Il-kelliem irrimarka li l-kuntrattur ser jiġi mitlub jemenda l-istess stima peress li hemm bżonn 27 u mhux 25 solar bollard.

10.03.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

10.03.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6713/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn bagħtna għall-attenzjoni tagħhom l-applikazzjoni PA/05664/25 ta' Pembroke Athleta Sports Club, off, Triq Pietru D' Armenia - To sanction internal and external alterations from approved PA/7463/22. Application also includes proposed minor alterations and addition of Refrigerated Plunge Pool in back terrace.

10.03.19 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/6713/25/I** fejn irrimarka li fuq il-pjanti hemm affarijiet li tajjeb wieħed jieħu nota tagħhom: a) fuq il-pjanta hemm konferma diretta/indiretta li l-parkeġġ huwa tal-MTA (għax hekk immarkat), b) fuq il-pjanta proposta hemm immarkat li t-triq ta' fejn il-kamra tal-WSC ma tibqax teżisti - il-Kunsill għandu joġġezzjona fuq dan abbażi tal-fatt li jekk jinqala xi ħaġa fi Triq Pietru D'Armenia, ir-residenti m'għandhomx rotta oħra minn fejn joħorġu u dan qatt ma nistgħu naċċettawh. ċ) hemm differenza bejn dak li hemm fuq il-pjanta u dak li hemm attwalment illum il-ġurnata fl-area tal-bandli, u d) kienu korretti in-nies meta appellaw li l-padel courts saru bla permess u r-residenti ġew injorati – x'hini ir-raġuni l'issa qed japplikaw sabiex jissanzjonaw dawn l-istess padel courts. Il-kelliem żied li għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex issir l-oġġezzjoni mal-PA.

10.03.20 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.03.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.03.22 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona biex isir railing tal-ħadid ġdid ħdejn il-Madonna, u bozza fis-sit għall-konvenjenza tal-anzjani.

10.03.23 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

10.03.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

10.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 10.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

10.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 10/2025** – Lista ta' kwotazzjonijiet għal-għamara fl-uffiċċju tas-sindku. **(Ara Dok 01)**

10.05.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 11/2025** – Rapport tal-laqgħa li saret ma' rappreżentanta ta' IM. **(Ara Dok 02)**

10.05.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 12/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 09/K9/25 u 10/K9/25. **(Ara Dok 03)**

10.05.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 12/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

10.05.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.05.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.06 Proposta ta' Bye-Law dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi.

10.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jibda jaħdem fuq l-abbozzar ta' Bye-Law dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi.

10.06.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

10.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

10.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 4, 5, 6, 7 u 8)**

10.07.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat inkluż li dwar il-fattura tal-kumpanija Galea Cleaning Solutions vis-a-vis il-knis tat-toroq urbani għandu għalissa jibqa sospiż.

10.07.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

10.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

10.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fil-17:55 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 23 ta' Settembru, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 10/2025** **06 ta' Awwissu 2025**

# Kwotazzjonijiet għall-provvista t'għamara għall-uffiċċju tas-sindku

## Għamara tal-uffiċċju

| Kumpanija | referenza | Prezz inkluż il-Vat |
|---|---|---|
| Liland Turnkey Works | 46/6246/25/I | 5,463.40 |
| Omni Stat | 46/6244/25/I | 3,960.85 |
| Branimir Lukovic | 46/6248/25/I | 5,192.00 |

## Siġġijiet

| Kumpanija | referenza | Prezz inkluż il-Vat |
|---|---|---|
| Liland Turnkey Works Ltd | 46/6247/25/I | 6,525.40 |
| Oxford House | 46/6211/25/I | Option A - 2,814.42<br>Option B - 2,814.06 |
| Branimir Lukovic | 46/6249/25/I | 5,298.20 |
| Omni Stat | 46/6245/25/I | 4,643.89 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Av. Kaylon Zammit **Viċi Sindku** : Adrian Dominic Ellul Grech
**Kunsilliera** : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 11/2025** **21 ta' Awwissu 2025**

# Laqgħa ma' IM

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 fl-10:00 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Pembroke, fejn għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li għal IM kienet preżenti Ms. Karen Schembri.

**Il-punti li ġew diskussa kienu:**

**Trejqet Patri Odorik Grima (St. Patricks) – Dok 01 – Dok 03**
Saret gradilja biex minnha joħroġ l-ilma tax-xita, jew li n-nies jitfgħu barra. Ovjament, kull min jaħsel, l-importanti li l-ilma ma jibqax quddiemu, bil-konsegwenza li dan qed joqgħod ġewwa manhole, u jispiċċa ilma qiegħed wara bieb familja anzjana u fis-Sajf, apparti r-riħa, jispiċċa jkun hemm iż-żnażan u l-insetti.

**Triq Martin Luther King – Dok 04 – Dok 07**
Kien sar xogħol ta' resurfacing minn IM. Il-Perit kien Rodney Micallef, u fil-parti l-aktar baxxa, fejn qabel kien hemm gutter miftuħ taħt il-bankina u qatt ma kien iżomm ilma, saru gradilji, li meta tagħmel ix-xita, bil-materjal li jinġarr, dan jissaqqaf u l-gradilja ma taħdimx, bil-konsegwenza li tgħereq it-triq, tant li titgħatta l-bankina u l-filata li hemm fuq il-bankina.

**Punti pendenti mix-xogħol t'upgrading ta' Triq Sant Andrija – Dok 08 – Dok 12**
Wara li kien sar ix-xogħol, għad hemm diversi punti pendenti, fosthom:

- Hemm nuqqas ta' tabelli ta' direzzjoni speċjalment li jindikaw id-dħul lejn Pembroke.
- Road markings sofor temporanji fuq Triq Sant'Andrija direzzjoni lejn San Giljan għadhom fuq il-post u huma ta' periklu.
- Lanscaping tal-proġett jidher li beda, iżda hemm partijiet, fosthom fejn sar il-ġibjun, li ma sar xejn fihom. F'din iż-żona l-Kunsill jixtieq li jiġi żviluppat dog park.
- Hemm bżonn l'issir zebra crossing biswit tal-lottu biex jaqsmu n-nies, speċjalment l-anzjani li joqgħodu fl-akwata u dawk li jinżlu miż-żona ta' San Patrizju. Is-sistema l-ġdida żiedet it-traġġitt li kienu jagħmlu n-nies b'kilometru mixi.
- Fid-daħla ta' Pembroke fuq ic-central strip hemm manholes għolja pulzier u huma ta' periklu.
- Ħmieġ u fdalijiet fejn jibda l-wied fil-main road wara l-barriers li saru.

- Fi Triq Tobruk, jirriżulta li waqt ix-xogħlijiet, jew instad il-water culvert jew mhux ilaħħaq mal-ilma tax-xita.
- Fil-Park & Ride – Qtugħ ta' dawl li kien investa l-Kunsill fuqu u t-triq għada magħluqa.
- Tabella bl-isem tat-triq Tobruk, kien hemm diskussjonijiet biex tiġi rranġata minn IM u tinsab għand l-Universita'.
- Tabelli oħrajn li osfru jew li saritilhom il-ħsara, baqgħu qatt ma reġgħu saru fosthom ta' Triq Gioacchino Le Brun u Triq Medjez.
- Fil-ħruġ ta' Pembroke direzzjoni lejn San Ġiljan, sar solid white line li suppost kellu jkun dotted ħalli l-ħruġ mill-lokal lejn San Ġiljan ikun fuq 2 lanes u mhux 1, speċjalment waqt ir-rush hours.
- Traffic lights installati kollha mxenglin.
- Triq Gioacchino Le Brun - saru tabelli u marki tat-traffiku li jindikaw li t-triq hija One way, iżda jidher li l-approvazzjoni ta' TM qatt m'intalbet. Importanti li din tiġi regolarizzata.
- Triq Gioacchino Le Brun - il-bankina fejn hemm is-service culvert hija fragli u diġa sfrundat u ġiet irranġata.
- Il-hair pin fil-ħruġ minn Pembroke tidher li hija żgħira, tant li bosta vetturi tal-passiġġieri u trakkijiet kbar, ikollhom jew jirreversjaw lura jew jgħaddu minn fuq il-cones il-ħomor.

**Vjal kulħadd – Dok 13 – Dok 17**
L-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet approvata mat-2 fażi, tant li l-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol għandu jibda s-sena li ġejja. Konna nfurmata li kellu jsir komunikat mal-Kunsill biex jibdew il-proċessi ta' konsultazzjoni, permessi, eċċ. S'issa ma smajna xejn u kull ma fadal 4 xhur oħra għas-sena li ġejja.

**Resurfacing ta' Triq il-Kurunell Cocks u Triq Manuel Buhagiar – Dok 18 – Dok 24**
Dawn huma ż-żewġ toroq li kien indika l-Kunsill li għandu isiru wara x-xogħol li għaddej bħalissa. Meta hemm il-ħsieb li jibda x-xogħol fuqhom?

**Triq il-Profs Walter Ganado**
Skond il-permess ta' db Group, parti minn Triq il-Profs Walter Ganado hemm pjanti approvata li suppost ser tiġi upgraded inkluż l-introduzzjoni ta' roundabout ġdida. Fid-dawl li x-xogħol miexi b'ritmu qawwi u huwa previst li jiftaħ lejn l-aħħar tas-sena jew il-bidu tas-sena 2026, meta hemm il-ħsieb li dan ix-xogħol isir?

**Il-fażi li jmiss tal-upgrading ta' Triq Sant'Andrija u l-upgrading tal-Paceville Junction – Dok 25 – Dok 36**
Issa li miexi ġmielu -xogħol ta' Msida Flyover, meta huwa previst li jinbeda x-xogħol tal-kumplament ta' Triq Sant Andrija u l-Paceville junction. Dan għandu effett dirett fuq il-lokal, anke fid-dawl tal-proġett ta' db Group u proġetti oħra maġġuri f'Paceville.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 12/2025** **27 ta' Awwissu 2025**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 09/K9/25 u 10/K9/25

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 149 | 2025 | Smart Office Supplies | Tlabna biex jissupplixxi stationery għall-uffiċċju |
| 150 | 2025 | Progressive Information Systems Ltd | Tlabna jigu jaghmlu l-installazzjoni ta' Sage Evolution fuq il-laptop. |
| 151 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna ssir modifka fil-bankina nkluż ranep u trinek li hemm bżonn ghad-dawl ta' zebra crossing ġdida fi Triq Alamein. |
| 152 | 2025 | B.Grima & Sons | Isir dak approvat minn TM għal zebra crossing ġdida fi Triq Alamein. |
| 153 | 2025 | B.Grima Sons | Isir double yellow line mal-ewwel garaxx li hemm, fil-bidu tat-triq meta tkun ġej minn Trq Alamein. |
| 154 | 2025 | B.Grima & Sons | Isiru numru ta' tabelli fil-lokal skont l-artwork anness. |
| 155 | 2025 | Alfen Displays | 2 Freestanding stands. |
| 156 | 2025 | Mica Med | Tlabna jirrenġa lampa L113 fi Triq Giorgio Mitrovich kantuniera ma' Triq ANZAC. |
| 157 | 2025 | Omni Stat | Tlabna jissupplixxu għamara għall-uffiċċju tas-Sindku. |
| 158 | 2025 | Firetech Ltd. | CCTV cameras għall-latrini Ġnien 4 ta' Lulju. |
| 159 | 2025 | Firetech Ltd. | CCTV cameras latrini u Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, inkluż PTZ fuq barra. |
| 160 | 2025 | Firetech Ltd. | CCTV solar pannel biex teħel Triq Salvatore Castaldi ma' Triq l-Imħallef W. Harding. |
| 161 | 2025 | Firetech Ltd. | CCTVs ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. |
| 162 | 2025 | Firetech Ltd. | Intruder alarm ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. |
| 163 | 2025 | Oxfrod House Ltd | Ordni ta' 7 siġġijiet għall-uffiċċju tas-sindku |
| 164 | 2025 | Mica Med | Tlabna jirrenġa lampa W173 fi Trejqet Antoine de Favray. |
| 165 | 2025 | Charlie Mifsud | Tlabna biex jikri highup biex jinzabru is-sigar li hemm fil-passaġġ bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich |
| 166 | 2025 | Mica Med | Tlabna sabiex tigi rranġata lampa W082 li tinsab fi Triq Patri A.Tonna Barthet li tinsab mal-faċċata ta' dar numru 9. |
| 167 | 2025 | Mica Med | Tlabna sabiex jiġu shiftjati tliet arbli fi' Triq il-Mediterran li hemm faċċata tal-bring in sites. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 168 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rranġat ir-rainwater culvert li hemm fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche. |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**